**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' April 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 82/2015JVC**

**Kenneth Grech**

**Vs**

**Pubblius Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:-

1. Illi l-attur jippossjedi bar li jinsab fi Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Ghawdex bl-isem 'Royal Lady Bar';

2. Illi ricentement u cioe' tul diversi jiem fil-bidu ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-konvenut abbuzivament, vjolentament u klandestinament qabad u fforma blokka tal-konkrit fuq parti mill-paviment tat-Triq Manoel de Vilhena, Mgarr Ghawdex, possedut mill-attur, liema parti mill-paviment hi ndikata fuq il-pjanta annessa bhala Dok A, kif ukoll qabad u hadha fil-pussess tieghu;

3. Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-danni ta' l-attur, liema spoll l-attur jrid li jigi spurgat;

4. Illi l-fatt illi din il-proprjeta' ilha zmien fil-pussess ta' l-attur, huwa kkonfermat fost l-ohrajn mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 29/2013JD;

5. Illi dan ir-rikors qed isir u jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Kenneth Grech li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu ta' l-attur meta qabad u fforma blokka tal-konkrit fuq parti mill-paviment tat-Triq Manoel de Vilhena, Mgarr Ghawdex, possedut mill-attur, liema parti mill-paviment hi ndikata fuq il-pjanta annessa bhala Dok A, kif ukoll qabad u hadha fil-pussess tieghu.

ii. Tikkundanna ghalhekk lill-istess konvenut sabiex jispurga dan l-ispoll fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

iii. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut, hu jaghmel l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenut f'Ottubru 2015.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Publius Buttigieg li eccepixxa:

i. Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap.12 il-konvenut jiddikjara illi huwa qed jikkontesta l-premessi kollha tal-attur kif maghmula fir-Rikors Guramentat tieghu;

ii. Illi t-talbiet tal-attur kif dedotti fir-Rikors Guramentat tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

iii. Illi fil-fatt din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress illi ma jissustixxux l-elementi ta' spoll u cioe' l-*possidesse, spoliatum fuisse u infra bimestre deduxisse*;

iv. Illi l-konvenut ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Illi l-konvenut qieghed jitlob l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 29/2013JD.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat ix-xhieda, affidavits, ritratti, dokumenti u l-provi kollha fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni anness bin-numru 29/2013 JD fl-ismijiet inversi fosthom ix-xhieda ta' Dr. Joseph Grech, Mark Cini u Martin Bajjada;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Novembru, 2016 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-attur filwaqt li l-konvenut naqas milli jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fit-terminu mpost fuqu.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ta' allegat spoll. L-attur huwa s-sid jew fil-pussess tal-proprjeta'cioe Bar bl-isem ta' Royal Lady Bar u li jinsab fi Triq Manoel de Vilhena, Mgarr, Ghawdex. Il-konvenut Publius Buttigieg ghandu f'idejh il-bar adjacenti u li skont ir-ritratt datat 19 ta' Ottubru, 2007 fl-atti tal-mandat (fol. 59) kien jgib l-isem ta' De Vilhena Café. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut beda jopera l-istabbiliment tieghu qabel l-attur. Fil-fatt il-mandat ta' inibizzjoni li kien intalab mill-istess konvenut lura fis-sena 2013 kien sar appuntu sabiex il-konvenut odjern iwaqqaf lill-attur odjern milli jaghmel xi modifiki quddiem il-bankina taz-zewg fondi. Il-partijiet ma kienux qed jaqblu fuq min kellu dritt fuq parti minn din il-bankina sabiex fuqha jpoggu l-imwejjed u s-siggijiet.

Illi jirrizulta li fid-digriet taghha din il-Qorti diversament preseduta lura fit-8 ta' Novembru, 2013 kienet iddikjarat kif isegwi:

*'Illi mir-ritratti esebiti jirrizulta li kienet tezisti bankina li tnehhiet mill-intimat bix-xoghlijiet li saru. L-intimat iddikjara fir-risposta tieghu li ma fadallux aktar xoghlijiet xi jsiru. Ladarba m'hemm aktar xoghlijiet xi jsiru, il-mandat m'ghandux jibqa' fis-sehh ghaliex m'hemm xejn aktar x'isir.*

*Oltre' dan pero' mix-xhieda ta' Martin Bajada u mill-access mizmum jirrizulta li encroachement permit quddiem il-hanut tal-intimat s'issa ma m'hemmx hlief ghall-parti zghira biss. L-encroachement permit li jgawdi r-rikorreneti ma jkoprix, hlief ghall-parti zghira hafna, l-art li tinsab quddiem il-hanut ta' l-intimat.*

*Illi huwa ovvju ghalhekk li r-rikorrent la pprova li ghandu xi dritt prima facie u wisq anqas li l-pregudizzju li jista' jsofri jekk il-amndat ma jintlaqax se jkun wiehed irrimedjabbli.'*

Konsegwentement dik il-Qorti pprocediet sabiex tichad il-mandat mitlub mill-intimat odjern Publius Buttigieg.

Jirrizulta mill-atti, b'mod partikolari mix-xhieda tal-attur Kenneth Grech (fol. 12) u tal-Perit Joseph Stellini (fol. 16 u 54) illi x-xoghlijiet li kien ghamel Kenneth Grech lura qabel il-mandat tal-2013 kienu appuntu sabiex il-bankina quddiem il-hanut tieghu tigi livell mal-hanut tieghu b'dana li parti minnha li kienet aktar gholja livell tal-hanut tal-konvenut odjern tkissret u giet aktar baxxa livell mal-hanut tal-attur odjern. Skont ix-xhieda mressqa mill-attur ta' fosthom ta' Maria Said (fol. 23 et seq) u Aurelio Bugeja (fol. 31 et seq), konsegwenti ghal dawn ix-xoghlijiet fuq il-bankina quddiem il-hanut tal-attur kienet saret *platform* tal-injam mill-istess Aurelio Bugeja. Aurelio Bugeja kkonferma li kien hu stess li halla parti mill-bankina minghajr il-platform tal-injam

sabiex fiha jitpoggew pjanti pjuttost kbar go *pots* kbar. Dawn iz-zewg xhieda jikkonfermaw li dawn il-pjanti tpoggew fuq il-post f'Settembru, 2015. L-istess xhieda flimkien mal-attur Kenneth Grech jikkonferma li fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru, 2015 bejn gurnata u ohra, il-konvenut ta' struzzjonijiet sabiex jitnehhew il-pjanti minn fejn kienu u flokhom saret bicca konkos li permezz taghha l-bankina li kienet issa ilha tigi utilizzata mill-attur sa mill-mandat tal-2013 regghet ingabet livell tal-bankina tal-konvenut b'dana li l-attur ma setax jaghmel aktar uzu minnha. A fol. 4 tal-process giet esebita pjanta li turi bl-ahmar il-bicca bankina in kwistjoni bejn il-partijiet mertu tal-ispoll liema pjanta giet konfermata mill-Perit Stellini a fol. 19 tal-process. A fol. 14 u 15 jinsabu esebiti wkoll zewg ritratti li juru kjarament liema parti mill-bankina hija mertu tal-kawza ta' spoll odjerna u dan anki ghaliex facilment hija identifikabbli mis-siment divers mill-bqija tal-bankina tal-konvenut u mill-platform tal-injam tal-attur.

Da parti tieghu il-konvenut jikkontesta li l-kawza odjerna tissodisfa l-kriterji tal-ispoll. Il-konvenut ressaq bhala prova lil certa Victoria Spiteri (fol. 60 et seq tal-process) li taghti rendikont pjuttost dettaljat u bla tlaqliq tax-xoghlijiet li saru fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut Publius Buttigieg kif isegwi:

**<u>'L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Sewwa. Liema *bar* hu li ghandek?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
*Victoria's Pub.*

**<u>L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Sewwa. Issa, dan *Victoria's Bar*, huwa li stess li ghandhu Publius Buttigieg?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Ezatt.

**<u>L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Sewwa. Issa Kenneth Grech ghamel kawza fil-konfront ta' Publius Buttigieg, qed jghid messlu xi affarijiet, sewwa. Taf tghidilna x'gara u ma' garax dak iz-zmien?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Mela, Pullu, Publius Buttigieg, kien ikkonfrontani u qalli li dik il-bicca fejn ghandhu l-pots taghmel ma' tieghu...........intellaha, intellaghha bil-konkrit. U rajt il-karti li dik il-bicca kienet tieghu, nehhejna l-*pots*, tellajniehom fuq *parquet* tieghu u tellghu dik il-bicca bis-siment.

**<u>L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Sewwa, meta qed tghid li kienet tieghu, x'kien hemm qabel ma' ghamiltu dawn il-*pots*?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Le, il-*pots* kienu hemm. Il-*pots* ta' Kenneth.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
Sewwa.

**Ix-Xhud:**
Tellajnihom fuq il-*parquet* u ghamilna l-konkos.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
Sewwa. U meta qallek dan Publius illi kienu tieghu, x'uriek? Inti qed tghid li rajt xi pjanti?

**Ix-Xhud:**
Urieni karta.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
X'karta kienet?

**Ix-Xhud:**
Xi karta, xi pjanta, u urieni l-qasma tal-hajt. . . . .

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
X'kien is-sinifikat? Dan il-hajt ghaliex uriehulek?

**Ix-Xhud:**
Biex jurini li dik il-bicca fejn kien hemm il-*pots*, taghmel man-naha tieghu.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
Sewwa. Jigifieri l-hajt x'kien qed jurik lilek?

**Ix-Xhud:**
Il-qasma li juri bejn post u bejn post iehor.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
X'kien hemm x'juri l-qasma? Kien hemm xi haga?

**Ix-Xhud:**
Jidher li differenti.

**L-Avukat Dr Angele Formosa:**
Sewwa. Jigifieri hu qallek li hemm hekk tieghu, qed nifhmek sew, ghaliex mill-hajt tieghu l-gewwa?

**Ix-Xhud:**
Iva. Qalli *go ahead*, jekk trid itellaha, tellaha u. . . .

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Mela sinjura, ghidilna ezatt inti x'kont taghmel f'dan il-*bar*?

**Ix-Xhud:**
Jien nahdem gol-*bar*.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Tahdem gol-*bar* stess.

**Ix-Xhud:**
Ehhe.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Sew, issa dawn il-*pots* li qed tghid li nehhejtu, kienu ta' Kenneth Grech hux hekk?

**Ix-Xhud:**
Ta' Kenneth Grech.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Jigifieri intom nehhejtuhom minn fejn kienu.......

**Ix-Xhud:**
Ghamilnihom fuq il-*parquet* tieghu.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Fuq il-*parquet* ta' Kenneth.

**Ix-Xhud:**
Ta' Kenneth.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Permess minn ghandhu ma' gibthux biex qbadtu u nehhejtu dawn il-*pots* minn fuq fejn ghamiltu x-xoghol?

**Ix-Xhud:**
Le, le.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Le. U tikkonferma allura illi tul iz-zmien qabel ma' ddecidejtu li tnehhu l-*pots* u tghollu l-bankina fejn kien hemm dawn il-*pots*, kien f'idejn Kenneth, ghax kien hemm il-*pots* tieghu? F'idejh kienu. Issa hux bi dritt, f'idejh kien.

**Ix-Xhud:**
Ehhe, imma jien sid il-hanut qalli li tieghu u nista' ntellaha, ghalhekk nehhejna l-*pots*.

**L-Avukat Dr Georgene Schembri:**
Sewwa, issa, u dan kollu, ara tiftakarx sew, gara qisu sena ilu?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Is-sena l-ohra.

**<u>L-Avukat Dr Georgene Schembri:</u>**
Fil-bidu ta' Ottubru, wara s-sajf.

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Xi haga hekk. . . .

**<u>L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Allura, Ok. Ta' min kienet l-ideja allura li tigi estiza l-bankina sal-linja tal-hajt?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Ta' Pullu.

**<u>L-Avukat Dr Angele Formosa:</u>**
Ta' Pullu, Ok.

**<u>Il-Qorti:</u>**
Ta' Pullu, jigifieri l-konvenut?

**<u>Ix-Xhud:</u>**
Publius Buttigieg.'

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse)***, l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussesata tigi qabel xejn

reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet **Delia vs Schembri** (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

'*All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar- reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim'Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

---

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

**Mertu:**

Illi l-konvenut isostni fl-eccezzjonijiet tieghu li l-attur ma jissodisfax ir-rekwiziti kollha sabiex tirnexxi l-kawza tieghu ta' spoll izda din l-eccezzjoni giet ampjament pruvata li mhiex gjustifikata kemm mill-provi mressqa mill-attur kif ukoll mill-istess xhud mressqa mill-konvenut u cioe' Victoria Spiteri. Kienet Victoria Spiteri stess fix-xhieda taghha li kkonfermat li l-bicca bankina in kwistjoni sa qabel sar il-konkos kienet qed tigi wzata mill-attur Kenneth Grima u allura l-element tal-pussess huwa sodisfatt (ghalkemm il-konferma saret ukoll fl-affidavit tal-istess attur u x-xhieda mressqa minnu ta' Marion Said u Aurelio Bugeja). Hija wkoll l-istess Victoria Spiteri li tikkonferma dak li jixhdu l-attur u x-xhieda tieghu cioe' li x-xoghlijiet saru fil-bidu ta' Ottubru, 2015. Il-kawza nfethet fit-2 ta' Novembru, 2015 u allura ben entro t-terminu ta' xahrejn b'dana li l-element tal-*infra bimestre* huwa wkoll sodisfatt. Finalment Victoria Spiteri tammetti l-att spoljattiv u cioe' li tnehhew il-pjanti fi kliemha 'ta' Kenneth Grech' l-attur, tpoggew fuq il-platform tal-injam ta' Kenneth Grech minghajr il-kunsens tieghu u flokhom sar il-konkos sabiex din il-parti giet livell mal-bankina tal-fond tal-konvenut u dan, fuq kollox u kif ammess sar fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut Publius Buttigieg. Dan kollu jevidenzja lill-Qorti wkoll li t-tielet element tal-ispoll u cioe' l-*ispoliatum fuisse* gie wkoll ampjament pruvat sal-grad rikjest mil-ligi. Minn dan kollu jirrizulta li l-kontestazzjoni da parti tal-konvenut ta' din il-kawza, kien kollu hela ta' hin u flus sforz il-pika tal-konvenut u xejn aktar.

Illi l-konvenut u x-xhud Victoria Spiteri jippruvaw jiggustifikaw l-att spoljattiv in kwistjoni billi jghidu li fejn sar il-konkos jigi quddiem il-proprjeta' tal-konvenut u mhux tal-attur. Din il-kawza izda tikkonsisti f'kawza possessorja fejn mera detenzjoni tal-attur hija bizzejjed. Il-prova dwar quddiem liema proprjeta' tinsab din il-bicca bankina mihijiex f'lokha f'kawza ta' spoll u tmur oltre dak li din il-Qorti trid tezamina sabiex tasal ghad-decizjoni taghha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti taqta w'tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin a dannu ta' l-attur meta qabad u fforma blokka tal-konkrit fuq parti mill-paviment tat-Triq Manoel de Vilhena, Mgarr Ghawdex, possedut mill-attur, liema parti mill-paviment hi ndikata bil-kulur ahmar fil-pjanta a fol. 4 tal-process kif ukoll qabad u hadha fil-pussess tieghu.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jisporga dan l-ispoll fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni billi jnehhi l-konkrit kollu li ghamel hu u jnehhi kwalunkwe ostaklu iehor li jwaqqaf lill-attur milli jerga' jutilizza l-istess art kif kien qabel bhala formanti

parti ntegrali mill-bankina fil-livell tal-fond tal-attur bil-pjanti kbar li kellu u l-imwejjed u siggijiet kif kienu jitpoggew qabel;

3. Tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jaghmel ix-xoghlijiet fiz-zmien xahar impost fuqu, l-attur stess jaghmel l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata f'Ottubru 2015.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur